MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Numru 1/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Lydon Gravina**
**Russel Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

Lydon Gravina ta’ ghoxrin (20) sena, iben John u Josette nee’ Sultana, imwieled Pieta` nhar il-5 ta’ Mejju tas-sena 1989 u residenti gewwa l-fond *Ent C, Flt 6,* Binja F. Sciberras, Triq Vilhena, Floriana, u li huwa detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 208289(M);

u

Russel Schembri ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Raymond u Silvana nee` Pace, imwieled Pieta` nhar it-18 ta' Settembru tas-sena 1987 u residenti gewwa l-fond *Regional Court, Flt 6,* Triq il-Punent, Msida, u li huwa detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 437487(M);

Talli nhar l-4 ta' Gunju tas-sena 2009 minn gewwa *St. George's Park*, Triq id-Dragonara, San Giljan:

1. F'xi hin bejn in-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12.30p.m.) u s-siegha w nofs ta' wara nofsinhar (1.30p.m.) ikkommettew serq ta' *handbag* li kien fih diversi oggetti, li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Hilary Boucer;

2. U talli Lydon Gravina wahdu nhar l-4 ta' Gunju 2009, gewwa San Giljan u f'diversi toroq ta' Malta, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB 165 tal-marka *Peugeot*, minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan kurrenti mahruga mid-direttur ta' l-Awtorita` Kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi gewwa San Giljan u f'diversi toroq ta' Malta, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB 165 tal-marka *Peugeot*, minghajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni. Il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

4. U aktar takkuzahom talli ghamlu delitt f'perjodu operattiv b'sentenza sospiza moghtija nhar it-23 ta' Lulju 2007, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati rigward l-ewwel imputazzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza li nfurmat lill-qorti li l-imputati kienu tossikodipendenti u ghamlu sforzi biex jirrijabilitaw ruhhom billi ghamlu diversi programmi fir-rigward;

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni u t-tielet imputazzjoni, jirrizulta li l-imputat Gravina kien qed isuq vettura proprjeta` ta' ommu debitament licenzjata;

Izda, peress li hu m'ghandux licenzja tas-sewqan, il-polza assikurattiva qatt ma tista' testendi fuqu;

Ghaldaqstant issib lill-imputat Gravina hati wkoll tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni;

Rat l-Artiklu 284, 285 tal-Kap 9; l-Artiklu 3(1) tal-Kap 104; l-Artiklu 15(1) tal-Kap 65 u l-Artiklu 17(b) tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputati Gravina u Schembri ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija;

Rat ukoll l-Artiklu 28 A – I tal-Kap 9, u ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-raba' (4) imputazzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt li kkollaboraw mal-pulizija wara li nqabdu, tordna li l-pieni nflitti permezz ta' sentenza sospiza tat-23 ta' Lulju 2007, tigi fis-sehh, immedjatament;

Rat finalment ukoll l-Artiklu 23 tal-Kap 9 u tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru BAB-165 li biha gie kommess ir-reat in dizamina.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------